II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/976

tal-4 ta' Ġunju 2021

li jemenda l-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-livelli massimi tar-residwi taċ-ċiklossidim, tal-mepiquat, tar-razza NRRL Y-27328 tal-*Metschnikowia fructicola* u tal-proeżadjon f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi tar-residwi (MRLs) tal-proeżadjon ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005. L-MRLs taċ-ċiklossidim u tal-mepiquat ġew stabbiliti fil-Parti A tal-Anness III ta' dak ir-Regolament. Ma ġewx stabbiliti MRLs speċifiċi għar-razza NRRL Y-27328 tal-*Metschnikowia fructicola* u dik is-sustanza ma ddaħħlitx fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament, għaldaqstant japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stipulat fl-Artikolu 18(1)(b) tiegħu.

(2) Fil-kuntest ta' proċedura għall-awtorizzazzjoni tal-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva ċiklossidim fuq il-frawli, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 biex jinbidel l-MRL eżistenti.

(3) Rigward il-mepiquat, tressqet applikazzjoni għaż-żrieragħ tal-qoton. Rigward il-proeżadjon, tressqet applikazzjoni għaż-żrieragħ tal-kittien, għaż-żrieragħ tal-peprin, għaż-żrieragħ tal-ġirasol, għaż-żerriegħa tal-kolza, għaż-żerriegħa tal-mustarda u għaż-żerriegħa tal-gold of pleasure (*Camelina sativa*).

(4) Bi qbil mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawk l-applikazzjonijiet ġew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni.

(5) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, ("l-Awtorità"), ivvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti ta' evalwazzjoni, u b'mod partikolari eżaminat ir-riskji għall-konsumaturi u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat l-opinjonijiet motivati dwar l-MRLs proposti ([2]). L-Awtorità għaddiet dawn l-opinjonijiet lill-applikanti, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri u qegħdithom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

([2]) Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA jinsabu online fuq: http://www.efsa.europa.eu:
Reasoned opinion on the modification of the existing maximum residue level for cycloxidim in strawberries. *EFSA Journal* 2018;16(8):5404.
Reasoned opinion on the modification of the existing maximum residue levels for mepiquat in cotton seeds and animal commodities. *EFSA Journal* 2018;16(10):5428.
Reasoned opinion on the modification of the existing maximum residue levels for prohexadione in various oilseeds. *EFSA Journal* 2018;16(8):5397.

(6) Rigward il-mepikwat, l-Awtorità rrakkomandat li jinżiedu l-MRLs għal ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali bl-istess mod kif tintuża s-sustanza fuq iż-żrieragħ tal-qoton.

(7) Rigward l-applikazzjonijiet l-oħra kollha, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kollha fir-rigward tad-*data* ġew issodisfati u li, abbażi tal-evalwazzjoni tal-esponiment tal-konsumaturi għal 27 grupp ta' konsumaturi speċifiċi Ewropej, il-modifiki tal-MRLs mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli mil-lat tas-sikurezza tal-konsumatur. L-Awtorità qieset l-aktar tagħrif riċenti dwar il-karatteristiċi tossikoloġiċi tas-sustanzi. La l-esponiment tul il-ħajja għal dawk is-sustanzi permezz tal-konsum tal-prodotti kollha tal-ikel li jista' jkun fihom dawn is-sustanzi, u lanqas l-esponiment għal perjodu qasir minħabba konsum kbir tal-prodotti rilevanti ma wrew li hemm riskju li tinqabeż id-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.

(8) Fil-kuntest tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva r-razza NRRL Y-27328 tal-*Metschnikowia fructicola*, iddaħħlet applikazzjoni għal MRL fid-dossier sommarju f'konformità mal-Artikolu 8(1)(g) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). F'konformità mal-Artikolu 11(2) ta' dak ir-Regolament, dik l-applikazzjoni ġiet evalwata mill-Istat Membru kkonċernat. L-Awtorità vvalutat l-applikazzjoni u tat il-konklużjoni tagħha dwar ir-rieżami bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskji tal-pestiċida ([4]). F'dak il-qafas, l-Awtorità ma setgħetx tilħaq konklużjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju fuq id-dieta tal-konsumaturi billi ma kinitx disponibbli ċerta informazzjoni u kien hemm ħtieġa li l-maniġers tar-riskju jkomplu jistudjaw din is-sustanza. Il-ħtieġa li jitkompla dan l-istudju kien rifless fir-rapport ta' rieżami ([5]) li kkonkluda li l-organiżmu mhuwiex patoġeniku għall-bnedmin u li mhuwiex mistenni li jkun hemm tossini jew metaboliti tossiċi fl-ikel wara l-użu tas-sustanza attiva. Fid-dawl ta' dawk il-konklużjonijet, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jkun xieraq li r-razza NRRL Y-27328 tal-*Metschnikowia fructicola* tiddaħħal fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/832 ([6]) ġie ffissat MRL temporanju għall-mepiquat fiż-żrieragħ tal-qoton fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 li jibqa' validu sat-30 ta' Ġunju 2021. Fl-interess taċ-ċertezza legali, jixraq li l-MRLs previsti minn dan ir-Regolament jibdew japplikaw mill-1 ta' Lulju 2021.

(10) Abbażi tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità, u filwaqt li tqiesu l-fatturi rilevanti għall-kwistjoni kkunsidrata, l-emendi x-xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

([4]) Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance *Metschnikowia fructicola* strain NRRL Y-27328. *EFSA Journal* 2017; 15(12):5084.

([5]) Review report for the active substance *Metschnikowia fructicola* strain NRRL Y-27328 (SANTE/10472/2018 Rev. 2).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/832 tal-5 ta' Ġunju 2018 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċjantraniliprol, iċ-ċimoksanil, id-deltametrin, id-difenokonażol, il-fenamidon, il-flubendiammid, il-fluwopikolid, il-folpet, il-fosetil, il-mandestrobin, il-mepikwat, il-metażaklor, il-propamokarb, il-propargit, il-pirimetanil, is-sulfoksaflor u t-trifloksistrobin f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 140, 6.6.2018, p. 38).

Madankollu għandu jibda japplika mill-1 ta' Lulju 2021 rigward l-MRLs għall-mepiquat.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi II, III u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, il-kolonna tal-proeżadjon hija sostitwita b'dan li ġej:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-Kodiċi	Gruppi u eżempji tal-prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Proeżadjon (proeżadjon (l-aċidu) u l-imlieħi tiegħu espressi bħala proeżadjon-kalċju)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠWIEŻ TAS-SIĠAR**	
0110000	**Frott taċ-ċitru**	0.01 (*)
0110010	Grejpfrut	
0110020	Lariġ	
0110030	Lumi	
0110040	Xkomp	
0110050	Mandolin	
0110990	Oħrajn (2)	
0120000	**Ġwież tas-siġar**	0.01 (*)
0120010	Lewż	
0120020	Ġewż tal-Brażil	
0120030	Ġewż tal-anakardju	
0120040	Qastan	
0120050	Ġewż tal-Indi	
0120060	Ġellewż	
0120070	Macadamia	
0120080	Ġewż Amerikan	
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	
0120100	Pistaċċi	
0120110	Ġewż	
0120990	Oħrajn (2)	
0130000	**Frott taż-żerriegħa**	0.1
0130010	Tuffieħ	
0130020	Langas	
0130030	Sfarġel	
0130040	Naspli	
0130050	Naspli tal-Ġappun	
0130990	Oħrajn (2)	
0140000	**Frott tal-għadma**	
0140010	Berquq	0.01 (*)

0140020	Ċiras (ħelu)	0.4
0140030	Ħawħ	0.01 (*)
0140040	Għanbaqar	0.05
0140990	Oħrajn (2)	0.01 (*)
0150000	**Frott tal-bosk u frott żgħir ieħor**	
0151000	(a) **għeneb**	0.01 (*)
0151010	Għeneb tal-ikel	
0151020	Għeneb għall-inbid	
0152000	(b) **frawli**	0.15
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	0.01 (*)
0153010	Tut	
0153020	Tut salvaġġ	
0153030	Lampun (aħmar u isfar)	
0153990	Oħrajn (2)	
0154000	(d) **frott tal-bosk u frott żgħir ieħor**	0.01 (*)
0154010	Blueberries (Mirtill)	
0154020	Cranberries	
0154030	Passolina (ħamra, sewda, jew bajda)	
0154040	Ribes (aħdar, aħmar u isfar)	
0154050	Warda skoċċiża	
0154060	Ċawsli (abjad u iswed)	
0154070	Azarole (naspla Mediterranja)	
0154080	Elderberries (frott is-sebuqa)	
0154990	Oħrajn (2)	
0160000	**Frott mixxellanju**	0.01 (*)
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**	
0161010	Tamar	
0161020	Tin	
0161030	Żebbuġ tal-mejda	
0161040	Kumquat	
0161050	Karambola	
0161060	Frotta tal-kaki	
0161070	Jambolan (java plum)	
0161990	Oħrajn (2)	
0162000	(b) **'qoxra li ma tittikilx, żgħir**	
0162010	Frott tal-kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	
0162020	Liċċi	
0162030	Frotta tal-passjoni	
0162040	Bajtar tax-xewk	

0162050	Star apple	
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	
0162990	Oħrajn (2)	
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, kbir**	
0163010	Avokado	
0163020	Banana	
0163030	Mango	
0163040	Papaja	
0163050	Rummien	
0163060	Ċerimoja	
0163070	Gwava	
0163080	Ananas	
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż	
0163100	Durian	
0163110	Frotta tal-annona	
0163990	Oħrajn (2)	
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**	
0210000	**Ħxejjex mill-għeruq u t-tuberi**	0.01 (*)
0211000	(a) **patata**	
0212000	(b) **ħxejjex tropikali mill-għeruq u t-tuberi**	
0212010	Kassava	
0212020	Patata ħelwa	
0212030	Jamm	
0212040	Ararut	
0212990	Oħrajn (2)	
0213000	(c) **ħxejjex oħrajn tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**	
0213010	Pitravi	
0213020	Karotti	
0213030	Celeriac/krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	
0213040	Għerq il-mustarda	
0213050	Artiċokks	
0213060	Zunnarija bajda	
0213070	Għerq it-tursin	
0213080	Ravanell	
0213090	Sassefrika	
0213100	Rutabaga	
0213110	Turnip (xorta ta' Brassica)	
0213990	Oħrajn (2)	

0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0.01 (*)
0220010	Tewm	
0220020	Basal	
0220030	Shallots	
0220040	Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	
0220990	Oħrajn (2)	
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	0.01 (*)
0231000	(a) **Solanaceae u Malvaceae**	
0231010	Tadam	
0231020	Bżar	
0231030	Brunġiel	
0231040	Okra	
0231990	Oħrajn (2)	
0232000	(b) **cucurbits b'qoxra li tittiekel**	
0232010	Ħjar	
0232020	Ħjar żgħar (gherkins)	
0232030	Zukkini	
0232990	Oħrajn (2)	
0233000	(c) **cucurbits b'qoxra li ma tittikilx**	
0233010	Bettieħ	
0233020	Qara'	
0233030	Dulliegħ	
0233990	Oħrajn (2)	
0234000	(d) **qamħ ħelu (sweet corn)**	
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**	
0240000	**Ħxejjex tal-ġenus brassica (minbarra l-għeruq tal-brassica u l-ħxejjex tal-brassica tal-weraq żgħir)**	0.01 (*)
0241000	(a) **brassica bil-fjuri**	
0241010	Brokkoli	
0241020	Pastard	
0241990	Oħrajn (2)	
0242000	(b) **rjus tal-brassica**	
0242010	Brussels sprouts	
0242020	Ġidra	
0242990	Oħrajn (2)	
0243000	(c) **brassica bil-weraq**	
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	
0243020	Kale	
0243990	Oħrajn (2)	

0244000	(d) **kohlrabi**	
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħwawar u fjuri li jittieklu**	
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**	0.01 (*)
0251010	Valerjanella	
0251020	Ħass	
0251030	Scarole/indivja tal-werqa wiesgħa)	
0251040	Ħabirxa u nebbieta u rimi oħrajn	
0251050	Krexxun	
0251060	Rukola	
0251070	Mustarda ħamra	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassica)	
0251990	Oħrajn (2)	
0252000	(b) **spinaċi u simili (weraq)**	0.01 (*)
0252010	Spinaċi	
0252020	Burdlieqa	
0252030	Weraq tal-pitravi chard	
0252990	Oħrajn (2)	
0253000	(c) **weraq tad-dielja u speċijiet simili**	0.01 (*)
0254000	(d) **krexxuni tal-ilma**	0.01 (*)
0255000	(e) **witloof**	0.01 (*)
0256000	(f) **ħwawar u l-fjuri li jittieklu**	0.02 (*)
0256010	Maxxita/Sorfolja	
0256020	Kurrat selvaġġ	
0256030	Weraq tal-karfus	
0256040	Tursin	
0256050	Salvja	
0256060	Klin	
0256070	Sagħtar	
0256080	Ħabaq u l-fjuri li jittieklu	
0256090	Weraq tar-rand	
0256100	Stragun	
0256990	Oħrajn (2)	
0260000	**Legumi**	0.01 (*)
0260010	Fażola (bil-miżwed)	
0260020	Fażola (bla mżiewed)	
0260030	Piżelli (bil-miżwed)	
0260040	Piżelli (bla miżwed)	
0260050	Lentils	
0260990	Oħrajn (2)	

0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	0.01 (*)
0270010	Asparagus	
0270020	Kardun	
0270030	Karfus	
0270040	Bużbież	
0270050	Qaqoċċ	
0270060	Kurrat	
0270070	Rabarbru	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	
0270090	Qlub tal-palma	
0270990	Oħrajn (2)	
0280000	**Fungi, ħażiż u likeni**	0.01 (*)
0280010	Fungi kkultivati	
0280020	Fungi selvaġġi	
0280990	Ħażiż u likeni	
0290000	**Algi u organiżmi prokarjoti**	0.01 (*)
0300000	**ŻRIERAGĦ TAL-LEGUMI MNIXXFA**	0.02 (*)
0300010	Fażola u ful	
0300020	Lentils	
0300030	Piżelli	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	
0300990	Oħrajn (2)	
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**	
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**	
0401010	Żerriegħa tal-kittien	**0.05**
0401020	Karawett	0.9
0401030	Żerriegħet il-peprin	**0.05**
0401040	Żerriegħet il-Ġunġlien	0.01 (*)
0401050	Żerriegħet il-ġirasol	**0.06**
0401060	Żerriegħet il-lift	**0.015**
0401070	Żerriegħet is-sojja	0.01 (*)
0401080	Żerriegħet il-mustarda	**0.05**
0401090	Żerriegħet il-qoton	0.01 (*)
0401100	Żerriegħa tal-qargħa ħamra	0.01 (*)
0401110	Żerriegħa tal-għosfor	0.01 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fidloqqom	0.01 (*)
0401130	Gold of pleasure	**0.05**

0401140	Qanneb	0.01 (*)
0401150	Castor bean	0.01 (*)
0401990	Oħrajn (2)	0.01 (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	0.01 (*)
0402010	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt	
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	
0402030	Frott tal-palm taż-żejt	
0402040	Kapok	
0402990	Oħrajn (2)	
0500000	**ĊEREALI**	
0500010	Xgħir	0.1
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	0.02 (*)
0500030	Mais	0.02 (*)
0500040	Millieġ	0.02 (*)
0500050	Ħafur	0.1
0500060	Ross	0.02 (*)
0500070	Segala	0.1
0500080	Sorgu	0.02 (*)
0500090	Qamħ	0.1
0500990	Oħrajn (2)	0.02 (*)
0600000	**TÈ, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAKAW U ĦARRUB**	0.05 (*)
0610000	**Tejiet**	
0620000	**Żrieragħ tal-kafe**	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**	
0631000	(a) **mill-fjuri**	
0631010	Kamumilla	
0631020	Ħibiskus	
0631030	Ward	
0631040	Ġiżimin	
0631050	Tilju	
0631990	Oħrajn (2)	
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħwawar**	
0632010	Frawli	
0632020	Rooibos	
0632030	Matè/te tal-Paragwaj	
0632990	Oħrajn (2)	

0633000	(c) **mill-għeruq**	
0633010	Valerjana	
0633020	Ġinseng	
0633990	Oħrajn (2)	
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**	
0640000	**Żerriegħa tal-kakaw**	
0650000	**Ħarrub**	
0700000	**ĦOPS**	0.01 (*)
0800000	**ĦWAWAR**	
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0.05 (*)
0810010	Ħlewwa	
0810020	Ħlewwa sewda	
0810030	Karfus	
0810040	Kosbor	
0810050	Kemmun	
0810060	Xibt	
0810070	Bużbież	
0810080	Fienu	
0810090	Noċimuskata	
0810990	Oħrajn (2)	
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0.05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka (allspice)	
0820020	Bżar tal-ħlewwa (bżar tal-Ġappun)	
0820030	Ħlewwa (Caraway)	
0820040	Kardamom	
0820050	Frott tal-ġnibru	
0820060	Boċċi tal-bżar (bojod, ħodor u suwed)	
0820070	Vanilla	
0820080	Tamar tal-Indja/tamarind	
0820990	Oħrajn (2)	
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0.05 (*)
0830010	Kannella	
0830990	Oħrajn (2)	
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**	
0840010	Għud is-sus/likwirizja	0.05 (*)
0840020	Ġinġer (10)	0.05 (*)
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0.05 (*)
0840040	Ravanell (horse- radish) (11)	

0840990	Oħrajn (2)	0.05 (*)
0850000	**Ħwawar tar-rimi**	0.05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol	
0850020	Kappar	
0850990	Oħrajn (2)	
0860000	**Stigma tal-fjuri**	0.05 (*)
0860010	Żagħfran	
0860990	Oħrajn (2)	
0870000	**Ħwawar tal-aril (kisjet iż- żerriegħa)**	0.05 (*)
0870010	Il-qoxra barranija tan-noċemoskata	
0870990	Oħrajn (2)	
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0.01 (*)
0900010	Weraq tal-pitravi chard	
0900020	Kannamieli taz-zokkor	
0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	
0900990	Oħrajn (2)	
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TAL-ART**	
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**	0.01 (*)
1011000	(a) **ħnieżer**	
1011010	Laħam	
1011020	Xaħam	
1011030	Fwied	
1011040	Kliewi	
1011050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	
1011990	Oħrajn (2)	
1012000	(b) **bovini**	
1012010	Laħam	
1012020	Xaħam	
1012030	Fwied	
1012040	Kliewi	
1012050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	
1012990	Oħrajn (2)	
1013000	(c) **nagħaġ**	
1013010	Laħam	
1013020	Xaħam	
1013030	Fwied	
1013040	Kliewi	
1013050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	

1013990	Oħrajn (2)	
1014000	d) **mogħoż**	
1014010	Laħam	
1014020	Xaħam	
1014030	Fwied	
1014040	Kliewi	
1014050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	
1014990	Oħrajn (2)	
1015000	(e) **ekwini**	
1015010	Laħam	
1015020	Xaħam	
1015030	Fwied	
1015040	Kliewi	
1015050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	
1015990	Oħrajn (2)	
1016000	(f) **tjur tar-razzett**	
1016010	Laħam	
1016020	Xaħam	
1016030	Fwied	
1016040	Kliewi	
1016050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	
1016990	Oħrajn (2)	
1017000	(g) **annimali oħra tar-razzett**	
1017010	Laħam	
1017020	Xaħam	
1017030	Fwied	
1017040	Kliewi	
1017050	Interni li jittieklu (għajr il-fwied u l-kliewi)	
1017990	Oħrajn (2)	
1020000	**Ħalib**	0.01 (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat	
1020020	Nagħaġ	
1020030	Mogħoż	
1020040	Żwiemel	
1020990	Oħrajn (2)	
1030000	**Bajd tal-għasafar**	0.01 (*)
1030010	Tiġieġ	
1030020	Papri	

1030030	Wiżż	
1030040	Summien	
1030990	Oħrajn (2)	
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0.05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	0.01 (*)
1060000	**Annimali tal-art invertebrati**	0.01 (*)
1070000	**Annimali tal-art vertebrati slavaġ**	0.01 (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**	
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**	
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**	

(*) Limitu tal-kwantifikazzjoni analitika
([a]) Il-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, tinsab fl-Anness I."

(2) Fil-Parti A tal-Anness III, il-kolonni taċ-ċiklossidim u tal-mepikwat huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Ir-residwi tal-pestiċidi u l-livelli massimi tar-residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	**Gruppi u eżempji tal-prodotti individwali li japplikaw għalihom l-MRLs** ([a])	**Iċ-ċiklossidim inklużi l-prodotti tad-degradazzjoni u tar-reazzjoni tiegħu li jistgħu jiġu ddeterminati bħala l-aċidu 3-(3-tijanil) glutariku S-diossidu (BH 517-TGSO2) u/jew l-aċidu 3-idrossi-3-(3-tijanil) glutariku S-diossidu (BH 517-5-OH-TGSO2) jew l-esteri tal-metil tagħhom, ikkalkulati b'kollox bħala ċiklossidim**	**Il-mepiquat (is-somma tal-mepiquat u l-imlieħi tiegħu, espressa bħala klorur tal-mepiquat)**
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**		
0110000	**Frott taċ-ċitru**	0.05 (*)	0.02 (*)
0110010	Grejpfrut		
0110020	Lariġ		
0110030	Lumi		
0110040	Xkomp		
0110050	Mandolin		
0110990	Oħrajn (2)		
0120000	**Ġewż tas-siġar**	0.05 (*)	0.05 (*)
0120010	Lewż		

0120020	Ġewż tal-Brażil		
0120030	Ġewż tal-anakardju		
0120040	Qastan		
0120050	Ġewż tal-Indi		
0120060	Ġellewż		
0120070	Macadamia		
0120080	Ġewż Amerikan		
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu		
0120100	Pistaċċi		
0120110	Ġewż		
0120990	Oħrajn (2)		
0130000	**Frott taż-żerriegħa/Pomu**		0.02 (*)
0130010	Tuffieħ	0.1	
0130020	Lanġas	0.1	
0130030	Sfarġel	0.09	
0130040	Naspli	0.09	
0130050	Naspli tal-Ġappun	0.09	
0130990	Oħrajn (2)	0.09	
0140000	**Frott tal-għadma**		0.02 (*)
0140010	Berquq	0.2	
0140020	Ċiras (ħelu)	0.09	
0140030	Ħawħ	0.2	
0140040	Għanbaqar	0.09	
0140990	Oħrajn (2)	0.09	
0150000	**Kukku u frott żgħir**		0.02 (*)
0151000	(a) **għeneb**	0.5	
0151010	Għeneb tal-mejda		
0151020	Għeneb tal-inbid		
0152000	(b) **frawli**	**4**	
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**	0.05 (*)	
0153010	Tut		
0153020	Tut salvaġġ		
0153030	Lampun (aħmar u isfar)		
0153990	Oħrajn (2)		
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**	0.05 (*)	
0154010	Mirtill		
0154020	Cranberries		

0154030	Ribes (iswed, aħmar u abjad)		
0154040	Ribes bix-xewk (aħdar, aħmar u isfar)		
0154050	Ward skoċċiż		
0154060	Ċawsli (suwed u bojod)		
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran		
0154080	Frott tas-sebuqa		
0154990	Oħrajn (2)		
0160000	**Frott ta' diversi tipi**		0.02 (*)
0161000	(a) **bil-qoxra li tittiekel**	0.05 (*)	
0161010	Tamal		
0161020	Tin		
0161030	Żebbuġ tal-mejda		
0161040	Lariġ tal-qsari		
0161050	Karambola		
0161060	Kaki		
0161070	Għanbaqar ta' Ġava		
0161990	Oħrajn (2)		
0162000	(b) **bil-qoxra ma tittikilx, żgħir**	0.05 (*)	
0162010	Ribes Ċiniż (aħdar, aħmar, isfar)		
0162020	Liċċi		
0162030	Frott tal-passjoni		
0162040	Bajtar tax-xewk		
0162050	Tuffieħ stilla		
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja		
0162990	Oħrajn (2)		
0163000	(c) **bil-qoxra ma tittikilx, kbir**		
0163010	Avokado	0.05 (*)	
0163020	Banana	0.05 (*)	
0163030	Mango	0.2	
0163040	Papaja	0.05 (*)	
0163050	Rummien	0.05 (*)	
0163060	Ċerimoja	0.05 (*)	
0163070	Gwav	0.05 (*)	
0163080	Ananas	0.05 (*)	
0163090	Frott tas-siġra tal-ħobż	0.05 (*)	
0163100	Durian	0.05 (*)	
0163110	Frott tal-annona	0.05 (*)	
0163990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	

0200000	**ĦAXIX, FRISK jew IFFRIŻAT**		
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**		0.02 (*)
0211000	(a) **patata**	3	
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**	0.2	
0212010	Manjoka		
0212020	Patata ħelwa		
0212030	Jamm		
0212040	Ararut		
0212990	Oħrajn (2)		
0213000	(c) **ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi oħrajn minbarra l-pitrava ħelwa**		
0213010	Pitravi	0.9	
0213020	Zunnarija	5	
0213030	Celeriac/krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	5	
0213040	Għeruq tal-mustarda	0.9	
0213050	Artiċokks	0.9	
0213060	Zunnarija bajda	0.9	
0213070	Tursin ta' Hamburg	0.2	
0213080	Ravanell	0.2	
0213090	Leħjet il-bodbod	1.5	
0213100	Swedes	0.2	
0213110	Lift	1	
0213990	Oħrajn (2)	0.2	
0220000	**Ħxejjex tal-basla**		0.02 (*)
0220010	Tewm	1	
0220020	Basal	3	
0220030	Xalotti	1	
0220040	Basal tar-rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales	1	
0220990	Oħrajn (2)	1	
0230000	**Ħxejjex tal-frott**		0.02 (*)
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae**		
0231010	Tadam	1.5	
0231020	Bżar ħelu	9	
0231030	Brunġiel	1.5	
0231040	Bamja	0.05 (*)	
0231990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**	0.05 (*)	
0232010	Ħjar		
0232020	Ħjar tal-pikles		

0232030	Zukkini		
0232990	Oħrajn (2)		
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**	0.05 (*)	
0233010	Bettieħ		
0233020	Qara' aħmar		
0233030	Dulliegħ		
0233990	Oħrajn (2)		
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**	0.05 (*)	
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**	0.05 (*)	
0240000	**Ħxejjex tal-brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**		0.02 (*)
0241000	(a) **brassika li tagħmel il-fjuri**		
0241010	Brokkli	2	
0241020	Pastard	5	
0241990	Oħrajn (2)	2	
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**		
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	6	
0242020	Kaboċċi kkapoċċati	5	
0242990	Oħrajn (2)	2	
0243000	(c) **brassika bil-weraq**		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi	3	
0243020	Kaboċċi ("kales")	3	
0243990	Oħrajn (2)	2	
0244000	(d) **ġdur**	2	
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**		
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**		0.02 (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf/Valerjanella locusta	0.5	
0251020	Ħass	1.5	
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	1	
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	0.5	
0251050	Krexxuni tal-art	0.5	
0251060	Aruka	0.5	
0251070	Mustarda ħamra	0.2	
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	0.2	
0251990	Oħrajn (2)	0.5	

0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**		0.02 (*)
0252010	Spinaċi	2	
0252020	Burdlieq	0.6	
0252030	Weraq tas-selq	0.6	
0252990	Oħrajn (2)	0.2	
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	0.2	0.02 (*)
0254000	(d) **krexxuni**	0.2	0.02 (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	0.2	0.02 (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u l-fjuri li jittieklu**		0.05 (*)
0256010	Maxxita	0.2	
0256020	Kurrat salvaġġ	0.2	
0256030	Weraq tal-karfus	1	
0256040	Tursin	0.2	
0256050	Salvja	0.2	
0256060	Klin	0.2	
0256070	Timu	0.2	
0256080	Ħabaq u l-fjuri li jittieklu	0.2	
0256090	Weraq tar-rand	0.2	
0256100	Stregun	0.2	
0256990	Oħrajn (2)	0.2	
0260000	**Legumi**		0.02 (*)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)	15	
0260020	Fażola (bla mżiewed)	2	
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)	5	
0260040	Piżelli (bla mżiewed)	15	
0260050	Għads	1	
0260990	Oħrajn (2)	1	
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**		0.02 (*)
0270010	Spraġ	0.2	
0270020	Kardun	0.2	
0270030	Krafes	1	
0270040	Bużbież ta' Firenze	0.2	
0270050	Qaqoċċ	2	
0270060	Kurrat	4	
0270070	Rabarbru	0.2	
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu'	0.2	
0270090	Qlub tal-palm	0.2	
0270990	Oħrajn (2)	0.2	
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0.05 (*)	

0280010	Faqqiegħ ikkultivat		0.09 (+)
0280020	Faqqiegħ salvaġġ		0.02 (*)
0280990	Ħażiż u likeni		0.02 (*)
0290000	**Algi u organiżmi prokarjoti**	0.05 (*)	0.02 (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**		0.02 (*)
0300010	Fażola	30	
0300020	Għads	5	
0300030	Piżelli	30	
0300040	Lupini/fażola tal-lupini	5	
0300990	Oħrajn (2)	5	
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**		
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**		
0401010	Żerriegħa tal-kittien	7	40
0401020	Karawett	0.2	0.05 (*)
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0.2	40
0401040	Ġulġlien	0.2	0.05 (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	6	40
0401060	Żerriegħa tal-lift	9	15
0401070	Fażola tas-sojja	80	0.05 (*)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	5	40
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0.5	**6**
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	0.2	0.05 (*)
0401110	Żerriegħa tal-għosfor	0.2	0.05 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fidloqqom	0.2	0.05 (*)
0401130	Żerriegħa tal-camelina sativa	0.2	40
0401140	Qannebusa	0.2	0.05 (*)
0401150	Fażola tar-riġnu	0.2	0.05 (*)
0401990	Oħrajn (2)	0.2	0.05 (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	0.05 (*)	0.05 (*)
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt		
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt		
0402030	Frott tal-palm taż-żejt		
0402040	Kapok		
0402990	Oħrajn (2)		
0500000	**ĊEREALI**		
0500010	Xgħir	0.05 (*)	4
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	0.05 (*)	0.02 (*)
0500030	Qamħirrum	0.2	0.02 (*)
0500040	Millieġ komuni	0.05 (*)	0.02 (*)

0500050	Ħafur	0.05 (*)	3
0500060	Ross	0.09	0.02 (*)
0500070	Segala	0.05 (*)	3
0500080	Sorgu	0.05 (*)	0.02 (*)
0500090	Qamħ	0.05 (*)	3
0500990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.02 (*)
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**		0.1 (*)
0610000	**Tejiet**	0.05 (*)	
0620000	**Kafeni**	0.05 (*)	
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**		
0631000	(a) **mill-fjuri**	0.05 (*)	
0631010	Kamumilla		
0631020	Ibisku		
0631030	Ward		
0631040	Ġiżimin		
0631050	Tilju		
0631990	Oħrajn (2)		
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi**	0.05 (*)	
0632010	Frawli		
0632020	Rooibos		
0632030	Matè/te tal-Paragwaj		
0632990	Oħrajn (2)		
0633000	(c) **mill-għeruq**	7	
0633010	Valerjana		
0633020	Ġinseng		
0633990	Oħrajn (2)		
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**	0.05 (*)	
0640000	**Żerriegħa tal-kawkaw**	0.05 (*)	
0650000	**Ħarrub**	0.05 (*)	
0700000	**ĦOPS**	0.05 (*)	0.1 (*)
0800000	**ĦWAWAR**		
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0.05 (*)	0.1 (*)
0810010	Ħlewwa		
0810020	Kemmun iswed		
0810030	Karfus		

0810040	Kosbor		
0810050	Kemmun		
0810060	Xibt		
0810070	Bużbież		
0810080	Fienu		
0810090	Noċemuskata		
0810990	Oħrajn (2)		
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0.05 (*)	0.1 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		
0820020	Bżar tas-Sichuan		
0820030	Karwija		
0820040	Kardamomu		
0820050	Frott tal-ġnibru		
0820060	Boċċi tal-bżar (bojod, ħodor u suwed)		
0820070	Vanilja		
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi		
0820990	Oħrajn (2)		
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0.05 (*)	0.1 (*)
0830010	Kannella		
0830990	Oħrajn (2)		
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**		
0840010	Għud is-sus	0.05 (*)	0.1 (*)
0840020	Ġinġer (10)	0.05 (*)	0.1 (*)
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0.05 (*)	0.1 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)		
0840990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.1 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0.05 (*)	0.1 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol		
0850020	Kappar		
0850990	Oħrajn (2)		
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	0.05 (*)	0.1 (*)
0860010	Żagħfran		
0860990	Oħrajn (2)		
0870000	**Ħwawar tal-aril**	0.05 (*)	0.1 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata (mace)		
0870990	Oħrajn (2)		
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**		0.02 (*)
0900010	Pitravi ħelu	0.5	
0900020	Kannamieli	0.05 (*)	

0900030	Għeruq taċ-ċikwejra	0.05 (*)	
0900990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**		
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**		
1011000	(a) **mill-ħnieżer**		
1011010	Muskoli	0.06	**0.05**
1011020	Xaħam	0.1	**0.05**
1011030	Fwied	0.5	0.07
1011040	Kliewi	0.5	0.07
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0.5	0.05 (*)
1011990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.05 (*)
1012000	(b) **mill-annimali bovini**		
1012010	Muskoli	0.06	0.09
1012020	Xaħam	0.1	0.06
1012030	Fwied	0.5	0.5
1012040	Kliewi	0.5	0.8
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0.5	0.8
1012990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.05 (*)
1013000	(c) **min-nagħaġ**		
1013010	Muskoli	0.06	0.09
1013020	Xaħam	0.1	0.06
1013030	Fwied	0.5	0.6
1013040	Kliewi	0.5	0.8
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0.5	0.8
1013990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.05 (*)
1014000	d) **mill-mogħoż**		
1014010	Muskoli	0.06	0.09
1014020	Xaħam	0.1	0.06
1014030	Fwied	0.5	0.6
1014040	Kliewi	0.5	0.8
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0.5	0.8
1014990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.05 (*)
1015000	(e) **mill-ekwini**		
1015010	Muskoli	0.06	0.09

1015020	Xaħam	0.1	0.06
1015030	Fwied	0.5	0.5
1015040	Kliewi	0.5	0.8
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0.5	0.8
1015990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.05 (*)
1016000	(f) **mill-pollam**	0.05 (*)	
1016010	Muskoli		**0.05**
1016020	Xaħam		**0.05**
1016030	Fwied		**0.05**
1016040	Kliewi		0.05 (*)
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)		0.05 (*)
1016990	Oħrajn (2)		0.05 (*)
1017000	(g) **minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn**		
1017010	Muskoli	0.06	0.09
1017020	Xaħam	0.1	0.06
1017030	Fwied	0.5	0.5
1017040	Kliewi	0.5	0.8
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0.5	0.8
1017990	Oħrajn (2)	0.05 (*)	0.05 (*)
1020000	**Ħalib**	0.05 (*)	
1020010	Bhejjem tal-ifrat		0.07
1020020	Nagħaġ		0.15
1020030	Mogħoż		0.15
1020040	Żwiemel		0.07
1020990	Oħrajn (2)		0.07
1030000	**Bajd tal-għasafar**	0.05 (*)	0.07
1030010	Tiġieġ		
1030020	Papri		
1030030	Wiżż		
1030040	Summien		
1030990	Oħrajn (2)		
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0.05 (*)	0.05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	0.05 (*)	0.05 (*)

1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0.05 (*)	0.05 (*)
1070000	**Annimali terrestri vertebrati slavaġ**	0.05 (*)	0.05 (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**		
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**		
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**		

(*) Limitu tal-kwantifikazzjoni analitika

([a]) Il-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRLs, tinsab fl-Anness I.
Il-mepiquat (is-somma tal-mepiquat u l-imlieħi tiegħu, espressa bħala klorur tal-mepiquat)

(+) L-MRL li ġej japplika għall-faqqiegħ tal-ferla: 0.7 mg/kg. Id-*data* mill-monitoraġġ turi li jista' jkun hemm kontaminazzjoni kroċjata tal-faqqiegħ ikkultivat li ma jkunx ittrattat mit-tiben li jkun ġie ttrattat b'mod legali bil-mepiquat. Meta tkun qiegħda tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni jekk din tkun intbagħtet sal-31 ta' Diċembru 2022, inkella, jekk dik l-informazzjoni ma tkunx intbagħtet sa dik id-data, tqis li ma għandhiex din l-informazzjoni.

0280010 Faqqiegħ ikkultivat"

(3) Fl-Anness IV, tiddaħħal l-entrata li ġejja f'ordni alfabetika: "ir-razza NRRL Y-27328 tal-*Metschnikowia fructicola*".